# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 961/95 M1 NA**

**Ruth Green**

**vs**

**Simon Green**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-14 ta' Lulju 1995 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-Knisja ta' San Giljan, fis-7 ta' Lulju 1994;

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi inoltre l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-7 ta' Lulju 1994 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

TALBET li dina l-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-7 ta' Lulju 1994 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Il-konvenut, debitament notifikat, ma ghamilx in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu u msejjah diversi drabi fis-seduta tat-8 ta' Lulju 1997 ma deherx. Dan nonostante l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Sandra Caruana bhala espert fil-materja biex tirrellata dwar it-talbiet attrici. Ir-rapport gie pprezentat fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 1999 u peress illi dan ma kienx thallas gie mahluf fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghat-12 ta' Frar 2001. Ezami proprju tar-rapport ma sarx u finalment fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2001 dehru l-partijiet assistiti u qablu li l-kawza setghet tibqa' differita ghas-sentenza.

Il-Perit Legali fil-konkluzzjonijiet taghha kienet tal-fehma illi:

> "*Iz-zwieg in ezami huwa null stante illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju u fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u dan skond l-Artikolu 19 (1d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta; u*
>
> *Iz-zwieg huwa null stante illi l-kunsens inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u cioe' l-"Consortium Vitae" u dan ai*

*termini ta' l-Artikolu 19 (1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta (simulazzjoni parzjali).*"

Sadanittant b'nota ta' l-attrici pprezentata fis-17 ta' April 2001 il-Qorti giet infurmata illi l-meritu tal-kawza gie ezawrit peress illi dan iz-zwieg gie dikjarat null b'sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku liema sentenza giet debitament registrata mill-Qorti ta' l-Appell u ghalhekk is-sentenza li kellha tinghata minn din il-Qorti kellha tinghata biss fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ikkunsidrat:-

Illi gia la darba n-nullita' ta' dan iz-zwieg gie registrat quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell din il-Qorti mhijiex sejra tiehu aktar konjizzjoni tal-meritu nonostante illi tistqarr illi l-procedura adottata ghal zwieg li gie celebrat qabel ma dahal fis-sehh l-Att I tal-1995 forsi ma kenitx il-procedura idoneja.

Fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez minkejja illi jirrizultalha illi n-nullita' ta' dan iz-zwieg kien kagun ta' vizzju ta' kunsens taz-zewg partijiet, fil-kontumaci tal-konvenut il-Qorti jidhrilha illi ghandu jkun dan l-istess konvenut li ghandu jbati l-ispejjes kollha tal-kawza.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti filwaqt illi, ghar-ragunijiet fuq moghtija, tastieni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-meritu, tordna illi l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.